**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Settembru 2021**

**Talba Nru: 372/19 CZ**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Avantech Limited**

**vs.**

**World Express Logistics Limited (C-32996)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-20 ta' Novembru 2019 li biha ppremettiet:

> Illi s-somma ta' erbat'elef erba' mija wiehed u sebghin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€4,471.82) mitluba f'dan l-avviz tirraprezenta d-danni kollha sofferti mis-socjeta' assikurata Avantech Limited, assikurata mas-socjeta'

Atlas Insurance PCC Limited, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited bhala indennizz a favur tal-assikurat taghha [ghal liema hlas l-imsemmija socjeta' attrici kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha] u dan relatati ma' konsenja konsistenti minn *pallet* wahda li kienet tikkontjeni numru ta' *toners* u *printer cartridges*, flimkien ma' oggetti ohra relatati, tad-ditta Ricoh liema konsenja ngabret mis-socjeta' konvenuta minn Sofia, gewwa l-Bulgarija, fil-11 ta' Dicembru 2018, destinati lejn Malta, izda qatt ma twasslet Malta ghaliex, hekk kif giet infurmata s-socjeta' assikurata Avantech Limited, din effettivament intilfet fit-tragitt.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm unikament responsabbli ghad-danni subiti mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali b'effett mill-lum sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' konvenuta fis-7 ta' Jannar 2020, li biha eccepiet:

L-ammont ta' €4,471.82 mhux dovut mis-socjeta' konvenuta in kwantu t-trasport tal-merkanzija mertu tal-kawza huwa regolat mill-Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR) tas-sena 1956. L-ammont li ghandu jigi mhallas huwa ghalhekk ta' €659.55 ghal piz ta' 65 kilogramm liema ammont gie offrut mis-socjeta' konvenuta izda ma gietx accettata.

Sema' x-xiehda ta' Michaela Pace[1], Lawrence Brincat[2], u Martin Fenech[3].

Ra d-dokumenti esebiti.

[1] Fol. 22
[2] Fol. 48 u fol. 76
[3] Fol. 91

Sema' t-trattazzjoni.

Ra illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta' attrici bhala socjeta' assikuratrici surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha qed tipprova tigbor hlasijiet li ghamlet lill-assigurat taghha, ghal telf ta' ammont ta' cartridges, toners u prodotti affini illi l-assigurat kien ordna minn barra u baqghu qatt ma waslu.

Illi l-kwistjoni f'din il-kawza, hekk kif indirizzata fir-risposta tas-socjeta' konvenuta, hija jekk japplikax il-limitu provdut mill-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ghall-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (CMR), partikolarment dak indikat f'Kapitolu erbgha (4) tal-istess Konvenzjoni. Dwar dan il-limitu, Artikolu disgha u ghoxrin (29) tal-Konvenzjoni jipprovdi illi:

> 1. The carrier shall not be entitled to avail himself of the provisions of this chapter which exclude or limit his liability or which shift the burden of proof if the damage was caused by his wilful misconduct or by such default on his part as, in accordance with the law of the court or tribunal seised of the case, is considered as equivalent to wilful misconduct

Illi jibqa' ghalhekk illi jigi determinat jekk l-agir tas-socjeta' konvenuta kienx jammonta ghal 'wilful misconduct' jew le.

Illi mill-provi prodotti irrizulta illi l-oggetti in kwestjoni kienu ha jitilqu mill-Bulgarija. L-agenzija Taljana mqabbda mis-socjeta' konvenuta infurmat lill-istess socjeta' illi l-

merkanzija kienet intilfet ghaliex tpoggiet tabella hazina fuq il-pallet u inghata indirizz hazin ghad-destinazzjoni tal-istess. Iktar tard, l-agenzija Taljana ikkonfermat illi l-pallet in kwestjoni ma nstabitx, u li jidher li l-pallet tqassmet lid-destinatarju l-hazin. Ghalkemm is-socjeta' konvenuta segwiet ghal xi zmien il-process mas-socjeta' konvenuta, ma sarx xejn wisq iktar u mid-dokumenti esebiti, senjatament il-korrispondenza bejn is-socjeta' konvenuta u l-agenti ta' barra, ma jidhirx li saru sforzi kbar biex jigi determinat x'gara minn din il-pallet, u liema seta' kien id-destinatarju zbaljat li lilu ntbaghtet il-pallet. Is-socjeta' konvenuta baqghet ma tafx ghalfejn il-pallet tqassmet lid-destinatarju l-hazin. Aktar minn hekk, is-socjeta' konvenuta l-ewwel allegat illi l-merkanzija inqbadet max-xoghol tal-Milied, u li kien ghalhekk li kienet ha tittardja, izda sussegwentement qalet illi l-merkanzija effettivament ma kinux jafu fen qieghda, jew fi kliem iehor, intilfet.

Illi x-xhud Lawrence Brincat, Logistics Manager mas-socjeta' konvenuta esebixxa korrispondenza li s-socjeta' konvenuta kellha mal-agent Taljan fejn l-agent Taljan ta rendikont ta' x'seta' gara lil din il-merkanzija. Dan ir-rendikont inghata fl-20 ta' Settembru 2019, jigifieri ghaxar (10) xhur wara li l-merkanzija effettivament intilfet. It-Tribunal ra wkoll illi effettivament kien l-agent Taljan li kien qed joffri kumpens lis-socjeta' konvenuta, ghat-telf tal-merkanzija, u dan mhux abbazi tal-prezz tal-merkanzija kollha, izda abbazi tat-toqol tal-istess. Fil-korrispondenza esebita, apparti l-fatt li f'Jannar 2019 l-agenzija Eurotrasporti ghamlet din l-offerita lis-socjeta' konvenuta kif fuq spjegat, jidher imbaghad illi kien hemm moghdija ta' zmien sew, jigifieri sal-5 ta' Settembru 2019, qabel ma Martin Fenech, mis-socjeta' konvenuta, rega' kellem lill-agenzija Taljana, biex jistaqsi ghalfejn il-merkanzija kienet baqghet qatt ma waslet. Sa dan il-punt, is-socjeta' konvenuta kienet lanqas ghadha tat risposta lill-agenzija Taljana dwar jekk kinitx ha taccetta s-somma offruta jew le. Addirittura b'e-mail fid-19 ta' Settembru 2019 l-istess Martin Fenech talab iktar informazzjoni lill-agent Taljan specifikament minhabba illi s-socjeta' attrici kienet qed turi li ha tintavola l-proceduri odjerni, u dan kif indikat f'dik l-e-mail. It-Tribunal jirrimarka illi dawn il-partijiet mill-korrispondenza qed jigu partikolarment rilevati mhux tant ghax it-Tribunal jara ta' rilevanza r-relazzjoni ta' bejn is-socjeta' konvenuta u l-agent esteru, (li hija *res inter alios acta*), izda semplicement ghax din il-korrispondenza tista' taghti dawl fuq id-diligenza li wzat

is-socjeta' konvenuta sabiex ghall-inqas turi li ppruvat tirrintracca l-merkanzija in kwestjoni.

Illi t-Tribunal, fit-thaddim tal-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni fuq citat jehtieg jara jekk kinux jezitu wahda minn zewg rekwiziti, jew inkella t-tnejn flimkien, u cioe' jekk kienx hemm 1) wilful misconduct li wassal ghat-telf tal-merkanzija, jew inkella 2) jekk kienx hemm xi nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta, skond il-ligi nostrana, li tista' titqies bhala ekwivalenti ghal 'wilful misconduct'.

Illi fis-sentenza *Decman Co. Ltd. Vs. Carmelo Caruana Shipping Ltd.*[4], il-Qorti rrilevat illi:

> Ir-responsabilita` tal-vettural hija regolata bl-artikolu 1628 tal-Kodici Civili, u cioe' illi ghandu dwar il-kustodja u l-harsien tal-hwejjeg fdati lilu bl-istess obbligi tad-depozitarju, m'ghandux ikun hemm kwistjoni ghax dan huwa hekk. L-artikolu 1630 imbaghad, jispjega illi l-vettural huwa obbligat inter alia ghall-hsarat li jigru fl-oggett meta ma jippruvax illi l-haga ntilfet jew gratilha hsara b'accident jew b'forza magguri u minghajr il-htija tieghu.
>
> Persuna li tfittex vettural ghal danni ghandha l-oneru li tipprova illi dahlet f'kuntratt ta' garr ta' merkanzija mal-konvenut; illi l-merkanzija giet ricevuta mill-konvenut fi stat tajjeb, u li meta waslet ghand id-destinatarjuma kienetx ghadha f'tali kondizzjoni imma kienet tinsab danneggjata. Minn hawnhekk il-quddiem l-oneru jinqaleb s'intendi fuq il-konvenut li ghandu l-obbligi kontrattwali tieghu u kif regolati mhux biss mill-kuntratt imma anke mil-ligi.
>
> Vettural ma jistax jinheba jew jistrieh wara l-paraventu tal-persuni ohrajn li ppartecipaw fit-trasport. Dana ghaliex ir-responsabilita' kontrattwali tieghu kienet hemm u baqghet hemm u se mai twieldu relazzjonijiet guridici ma' haddiehor li fir-rigward tal-attur huma res inter alios acta.
>
> Nuqqas ta' diligenza da parti ta' xi hadd, kien min kien, m'huwiex tali li pero' jiskolpa r-responsabilita' tal-vettural vis-a'-vis l-attur, ghalhekk jekk il-vettural qabbad appaltaturi jew sub-appaltaturi ohra jirrispondi ghalihom hu fit-termini ta' l-artikolu 1642 tal-Kodici Civili.

[4] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 14 ta' Gunju 2001, per Onor. Imhallef Carmel A. Agius

Illi f'sentenza ohra fl-ismijiet *Atlas Insurance PCC Limited et vs. B.A.S. Limited*[5], li kien kaz li kellu similaritajiet ghal dak odjern, il-Qorti ddikjarat illi:

> Illi din il-Qorti m'hijiex sejra tidħol fid-dettal fl-eżami ta' dawn l-eċċezzjonijiet, minħabba l-fatt li f'numru ta' deċiżjonijiet studjati oħrajn, li kienu jinvolvu l-istess partijiet u mertu simili, ħlief għall-konsenja partikolari li hija l-bażi ta' din il-kawża, ġiet stabbilita l-infondatezza tagħhom. Fi kliem B.A.S., filwaqt illi tagħraf li kellha obbligazzjoni li tiġbor merkanzija mill-Olanda u twassalha sal-maħżen ta' Intercomp f'Malta, twarrab l-obbligu ġenerali li bħala d-depożitarja tal-merkanzija li tkun intalbet iġġorr, <u>hija responsabbli li tikkonsenja l-merkanzija bla ħsara lid-destinatarju tagħha, jew lil min sejjer jilqagħha f'ismu</u>[6]. Twarrab ukoll il-prinċipju li joħroġ mill-Konvenzjoni li jgħabbi lill-kumpannija mħarrka bir-responsabiltà għall-għemil tal-kumpannija li ġarr tal-merkanzija f'isimha. Dana tagħmlu billi tisħaq li t-telf tal-merkanzija seħħ qabel ma l-merkanzija ġiet fil-kustodja tagħha u għaldaqstant tgħid li hija mhix responsabbli għal dak li seta' ġara qabel ma l-merkanzija ġiet f'idejha. Fil-fehma tal-Qorti, B.A.S. naqset li ġġib din il-prova. Għall-kuntrarju, tressqet il-prova li l-kumpannija fornitriċi Dell barra minn Malta kkonfermat ma' Intercomp li l-merkanzija n-nieqsa kienet parti mill-ordni li telqet minn Tilburg u ntbagħtet Malta. Tressqet il-prova wkoll li fl-istadju meta l-merkanzija nġabret mill-Olanda, Intercomp ma rċeviet ebda avviż mingħand B.A.S. li l-merkanzija kienet bin-nieqes. Fil-fehma tal-Qorti, B.A.S. <u>għandha tibqa' dejjem responsabbli għall-merkanzija anke jekk din tkun fdatha f'idejn terzi</u>[7]. Kien fl-interess tagħha li toħloq u tassigura sistema ta' trasparenza tajjeb biżżejjed biex teżoneraha minn kull responsabbiltà, ħaġa li ma seħħilhiex tagħmel, u għaldaqstant f'dan l-istadju ma jiswielha xejn li tittanta titfa' l-ħtija fuq l-imsejħa fil-kawża li qabbdet hi stess, u li wieħed jistenna li kellha fiduċja fiha tant li fdatha ġġorr merkanzija ta' ħaddieħor u li għaliha kienet responsabbli hi;

Illi l-kuntratt bejn il-vettural u l-importatur gie diversi drabi mqabbel mal-kuntratt ta' depozitu. Fis-sentenza *Dr. Simon Micallef Stafrace noe. Vs. James Gollcher et noe.*[8], intqal illi:

> In-nuqqasijiet graw meta l-container kien f'idejn il-vettural u dana, bhala depositorju, huwa responsabbli li jikkonsenja l-merkanzija minghajr hsara. Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Mamo et noe vs Mifsud et noe" decisa fil-5 ta' Ottubru, 1988, meta fil-*Bill of Lading* hemm indikat li l-merkanzija giet *"shipped in apparent good order and condition"*, din tikkrea presunzjoni li l-merkanzija deskritta fil-polza giet karikata f'kondizzjoni tajba u ghandha tigi hekk skarikata.

[5] Prim'Awla tal-Qorti Civili – 5 ta' Dicembru 2019, per Onor. Imhallef Joseph R. Micallef

[6] Sottolinear tat-Tribunal

[7] Ibid.

[8] Prim'Awla tal-Qorti Civili – 13 ta' Gunju 2002, per Onor. Imhallef Tonio Mallia

Illi m'hemmx kontestazzjoni fil-kawza odjerna illi l-merkanzija fil-fatt telqet minghand il-fornitur taghha. Dan gie konfermat anke mill-agenzija terza inkarigata mis-socjeta' konvenuta stess. Is-socjeta' konvenuta kellha mbaghad tkun hi li ssegwi kif imiss it-tragitt tal-merkanzija u mhux tagixxi biss meta l-importatur beda juri pre-okkupazzjoni tieghu dwar il-merkanzija. Lanqas ma kellha s-socjeta' konvenuta tagixxi daqshekk tardivament (ghaxar xhur wara) biex tinvestiga x'seta' gara. L-istharrig kellu jsir f'Dicembru tal-2018 u Jannar tal-2019 u mhux f'Settembru ta' wara. It-Tribunal jirrizultalu li skond il-ligi nostrana, is-socjeta' konvenuta, qua depozitarja tal-merkanzija in kwestjoni ma qdietx l-obbligi ta' tutela u harsien tal-merkanzija li kellha, u ghalhekk ma tistax tillimita l-ammont li ghandha thallas billi tinvoka l-Artikolu disgha u ghoxrin (29) fuq imsemmi, u dan ghaliex in-nuqqas taghha huwa tali li jekwivali ghal 'wilful misconduct'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jordna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef erba' mija u wiehed u sebghin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€4,471.82), bl-imghaxijiet legali kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur